*Proprjetarju tat-trade mark jew tas-sinjal invokat insostenn tal-oppożizzjoni:* il-parti l-oħra quddiem il-Bord tal-Appell

*Trade mark jew sinjal invokat:* it-trade mark verbali Komunitarja "BLUE", irreġistrata taħt in-numru 8549172, b'mod partikolari għal servizzi fil-klassi 35; it-trade mark verbali Komunitarja "BLUE BBVA", irreġistrata taħt in-numru 2065621, b'mod partikolari għal servizzi fil-klassijiet 35 u 36; it-trade mark verbali Komunitarja "TARJETA BLUE BBVA", irreġistrata taħt in-numru 2277291, b'mod partikolari għal servizzi fil-klassi 36

*Deċiżjoni tad-Diviżjoni tal-Oppożizzjoni:* oppożizzjoni miċħuda fit-totalità tagħha

*Deċiżjoni tal-Bord tal-Appell:* appell milqugħ u applikazzjoni miċħuda għat-totalità tas-servizzi fil-klassijiet 35 u 36

*Motivi invokati:* ksur tal-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament tal-Kunsill Nru 207/2009

---

## Rikors ippreżentat fl-20 ta' Awwissu 2012 — American Express Marketing & Development vs UASI (EUROPE IP ZONE)

**(Kawża T-369/12)**

(2012/C 319/24)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*

### Partijiet

*Rikorrenti:* American Express Marketing & Development Corp. (New York, l-Istati Uniti) (rappreżentanti: V. Spitz, A. Gaul, T. Golda, u S. Kirschstein-Freund, avukati)

*Konvenut:* L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni)

### Talbiet tar-rikorrenti

— tannulla d-deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tal-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) tat-12 ta' Ġunju 2012 fil-Każ R 1451/2011-2;

— sussidjarjament, temenda d-deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tal-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) tat-12 ta' Ġunju 2012 fil-Każ R 1451/2011-2, u tiddeċiedi li l-appell huwa ġustifikat; u

— tikkundanna lill-konvenut għall-ispejjeż tal-proċeduri tal-appell u tal-proċeduri quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja

### Motivi u argumenti prinċipali

*Trade mark Komunitarja kkonċernata:* it-trade mark verbali "EUROPE IP ZONE" għal servizzi fil-klassi 42 — Applikazzjoni għal trade mark Komunitarja Nru 9488032

*Deċiżjoni tal-eżaminatur:* l-applikazzjoni għal trade mark Komunitarja miċħuda

*Deċiżjoni tal-Bord tal-Appell:* appell miċħud

*Motivi invokati:* ksur tal-Artikolu 7(1)(b) u (c) tar-Regolament tal-Kunsill Nru 207/2009.

---

## Rikors ippreżentat fl-20 ta' Awwissu 2012 — American Express Marketing & Development vs UASI (IP ZONE EUROPE)

**(Kawża T-370/12)**

(2012/C 319/25)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*

### Partijiet

*Rikorrenti:* American Express Marketing & Development Corp. (New York, l-Istati Uniti) (rappreżentanti: V. Spitz, A. Gaul, T. Golda, u S. Kirschstein-Freund, avukati)

*Konvenut:* L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni)

### Talbiet tar-rikorrenti

— tannulla d-deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tal-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) tat-12 ta' Ġunju 2012 fil-Każ R 1452/2011-2;

— sussidjarjament, temenda d-deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tal-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) tat-12 ta' Ġunju 2012 fil-Każ R 1452/2011-2, u tiddeċiedi li l-appell huwa ġustifikat; u

— tikkundanna lill-konvenut għall-ispejjeż tal-proċeduri tal-appell u tal-proċeduri quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja.

### Motivi u argumenti prinċipali

*Trade mark Komunitarja kkonċernata:* it-trade mark verbali "IP ZONE EUROPE" għal servizzi fil-klassi 42 — Applikazzjoni għal trade mark Komunitarja Nru 9488032